MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 398/2007

**Edward Baldacchino**

**vs**

**Direttur u Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Edward Baldacchino (I.D. 313172M) datat 9 ta' April 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-3 ta' April 2007 l-intimat spolja lir-rikorrenti mill-ppussess tal-Cafeteria u l-kcina f'numru 138 Triq Santa Lucia, Valletta, billi beda jezegwixxi kontra r-rikorrenti l-Mandat ta' Zgumbrament Numru 314/07 li l-Qorti kienet iddikjarat mhux ezegwibbli kontra r-rikorrent, u ha u biddel

ic-cwievet ta' l-imsemmija Cafeteria u ddepozithom fil-Qorti.

Illi l-agir abbuziv u llegali ta' l-intimat jammonta ghal spoll u qieghed jarreka dannu kbir lir-rikorrent li huwa mpedut milli jiggestixxi n-negozju tieghu.

Illi ghalhekk l-istess rikorrent jitlob lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-intimat ikkommetta spoll fit-3 ta' April 2007 meta ghalaq il-Cafeteria f'numru 138 Triq Santa Lucia, Valletta, u ha minn ghand ir-rikorrent c-cwievet taghha; u

2. Tikkundanna lill-intimat minnufih jirrijentegra lir-rikorrent fil-pussess tal-Cafeteria msemmija billi jaghtih lura c-cwievet taghha.

B' riserva ta' kull azzjoni ghad-danni, u bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. "A', "B" u "C" kif jidher minn fol. 3 sa fol. 15 tal-process.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-15 ta' Mejju 2007.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Mejju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti u r-rikorrenti Edward Baldacchino. Il-kawza giet differita ghan-notifika ghad-19 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota ta' Edward Baldacchino datata 15 ta' Mejju 2007 a fol. 25 tal-process li permezz taghha pprezenta diversi dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali datata 8 ta' Gunju 2007 a fol. 37 tal-process fejn bil-gurament tieghu espona: -

1. Illi l-ewwel u qabel kollox ghandu jigi rilevat illi, b'ordni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-10 ta' Mejju 2007, l-fond li r-rikorrenti qieghed jallega li gie spoljat mill-esponent, issa gie ritornat lis-sidien originali tieghu b'mod illi f'kaz ta' ezitu posittiv ta' tali proceduri, l-esponent ma jista' jkun qatt f'posizzjoni illi jirritorna l-fond hekk allegatament spoljat, *stante* illi tali fond issa inghadda lis-sidien originali, illi kienu l-promoturi tal-Mandat ta' Zgumbrament Nru: - 314/07 u li fuq talba taghhom il-fond meritu tal-kaz in kwistjoni gie zgumbrat;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Marixxall tal-Qorti nkarigat mill-izgumbrament tal-fond, ossia Cafeteria f'138, Triq Santa Lucia, Valletta, kien qieghed jagixxi bhala ufficjal tal-Qorti nkarigat sabiex jesplita ordni lilu moghtija mill-Qorti, ossia l-ezekuzzjoni ta' Mandat ta' Zgumbrament Nru: - 314/07 u ghalhekk, fil-vesti ta' tali, l-esponent u, aktar u aktar, il-Marixxall, ma seta' qatt ikkommetta spoll kif qieghed jigi allegat mir-rikorrenti, *stante* illi kien qed jagixxi bhala Ufficjali tal-Qorti;

3. Illi, l-Mandat ta' Zgumbrament Nru: - 314/07, fl-ebda stadju ta' l-ezekuzzjoni tieghu, ma qatt gie varjat u/jew imwaqqaf mill-Qorti illi kienet akkordatu b'mod illi l-esponent u l-Marixxall kienu fi dmir illi jonoraw l-inkarigu moghti lilhom mill-Qorti, u, f'kaz illi l-istess naqsu milli jaghmlu hekk, kienu qed ikunu jagixxu b'turija ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jidher aktar fid-dettal waqt il-mori tal-kawza, kien ir-rikorrenti stess illi ghadda, *di sua sponte*, ic-cwievet tal-fond 138, Triq Santa Lucia, Valletta, bir-rizultat illi fl-ebda mument ma' l-esponent jew il-Marixxall ma kkommetta l-ispoll li qed jigi allegat.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali flimkien mal-lista tax-xhieda kif jidher a fol. 38, 39 u 40 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti fit-19 ta’ Gunju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ghar-rikorrenti prezenti, li ddikjara li ma kellux iktar provi f’dak l-istadju. Dr. Francesco Depasquale ssejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Inghata digriet ghall-prezentata tax-xhieda bl-affidavits lill-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) jum. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-konkluzjoni tal-provi u kontro-ezamijiet kollha relattivi tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura ta’ l-affidavit, u wara l-istess il-provi tal-partijiet gew iddikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta’ Ottubru 2007.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda quddiemha prodotta.

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta’ Ottubru 2007 u tal-20 ta’ Novembru 2007 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi din hija azzjoni ta’ allegat spoll li l-attur qed jaddebita li sar mill-konvenut id-Direttur u Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali meta huwa qed jallega li dan sehh meta l-istess intimat beda jezegwixxi kontra tieghu l-Mandat ta’ Zgumbrament Nru 314/07 fl-ismijiet “Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St. George’s Club” liema mandat huwa jallega li kien gie ddikjarat mill-Qorti li ma

kienx ezegwibbli kontra l-attur u dan l-ispoll jikkonsisti filli l-intimat ha u biddel ic-cwievet tal-cafeteria tal-fond 138, Triq Santa Lucia, Valletta, u b’dan il-mod allura qed jallega li gie kommess spoll fil-konfront tieghu.

Illi l-fatti li wasslu ghal din il-pendenza huma li b’sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St George’s Club”** fl-1 ta’ Dicembru 2006, l-assocjazzjoni Royal Overseas St George’s Club inghatat tlett xhur zmien sabiex tivvakaw mill-fond nru 138, Triq Santa Lucia, Valletta, u b’hekk giet ikkonfermata decizjoni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datata 30 ta’ Mejju 2003.

Illi fit-28 ta’ Frar 2007 l-assocjazzjoni appellata poggiet ic-cwievet tal-post il-Qorti permezz ta’ cedola ta’ depositu; illi fit-2 ta’ Marzu 2007 saret talba ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Zgumbrament minn Wilfred Karl Gollcher et, li giet opposta mill-assocjazzjoni eskutata fil-5 ta’ Marzu 2007, u din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco akkordat il-hrug tal-mandat ta’ zgumbrament numru 314/07 fl-ismijiet “Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas St George’s Club” fuq il-fond 138, Triq Santa Lucia, Valletta u dan b’digriet datat 13 ta’ Marzu 2007;

Illi fil-15 ta’ Marzu 2007 il-Marixxal Joseph Azzopardi mar fuq il-post u nnotifika lil Myra Baldacchino li kienet fil-post li accettat in-notifika taht protesta, u fl-20 ta’ Marzu 2007 ir-rikorrenti pprezenta rikors sabiex in-notifika lil Myra Baldacchino tigi ddikjarata nulla u sabiex tordna lil Marixxal sabiex ma jezegwixxix il-Mandat ta’ Zgumbrament kontra r-rikorrenti Edward Baldacchino, liema talbiet gew michuda b’digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigial Lofaro datat 27 ta’ Marzu 2007 peress li gie deciz li l-att ezekuttiv fih innifsu qatt ma gie attakat fl-istess rikors.

Illi fid-29 ta’ Marzu 2007 r-rikorrenti odjern ressaq rikors guramentat sabiex il-Qorti wara li tiddikjara li l-imsemmi mandat ta’ zgumbrament numru 314/07 ma ghandhux

jitqies validament notifikat lir-rikorrenti *stante* li huwa estraneju ghalih, u biex tinibixxi lill-Marixxal Joseph Azzopardi milli jinnotifika l-istess Mandat li mhux esegwibbli kontra r-rikorrenti, u b'decizjoni tat-3 ta' April 2007 fl-ismijiet **"Edward Baldacchino vs Marixxal Joseph Azzopardi et"** din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef (Rikors Nru. 363/07/JRM) iddeciediet li n-notifika tal-mandat ta' zgumbrament kienet saret validament lil Myra Baldacchino u sussegwentement lir-rikorrenti personalment fit-28 ta' Marzu 2007 u dan peress li din saret skond id-disposizzjonijiet tal-ligi hemm indikati (**artikoli 187 (4) (b) u 187 (1))** u dan fil-post registrat ta' l-istess assocjazzjoni esekutata, u laqghet it-tieni talba biss fis-sens li l-imsemmi mandat ma kienx ezegwibbli kontra r-rikorrenti Edward Baldacchino.

Illi jinghad li fl-istess atti tar-rikors guramentat numru 363/07 sar rikors iehor datat 29 ta' Marzu 2007 sabiex tigi sospiza l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament sakemm ikun hemm decizjoni dwar l-istess, u l-Qorti b'digriet taghha datat 30 ta' Marzu 2007, wara li appuntat ir-rikors ghas-smigh ghat-2 ta' April 2007, irriservat li tipprovdi dwar l-istess talba jekk ikun il-kaz aktar il-quddiem. Ir-rikorrenti pprezenta fl-istess atti rikors iehor datat 30 ta' Marzu 2007 sabiex il-kawza tinstema' b'urgenza u tigi deciza qabel it-3 ta' April 2007, u l-Qorti b'digriet taghha datat 30 ta' Marzu 2007 astjeniet milli tqis it-talba f'dak l-istadju *in vista* tad-digriet moghti dak in-nhar stess fuq rikors iehor tar-rikorrenti. Dawn il-proceduri kif inghad gew konkluzi b'sentenza tat-3 ta' April 2007.

Illi fit-3 ta' April 2007 l-istess rikorrenti pprezenta rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 499/2007 fl-ismijiet "Edward Baldacchino vs Id-Direttur Qrati u Tribunali Civili" sabiex l-intimat hemm indikat jigi inibit milli jesegwixxi l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 314/07 fuq il-fond 138, Triq Santa Lucia, Valletta billi dan imur kontra s-sentenza datata 3 ta' April 2007 moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fuq indikata numru 373/07/JRM li ddecidiet li l-imsemmi mandat ma hux esegwibbli kontra Edward Baldacchino, liema smigh tal-mandat gie appuntat

ghall-20 ta’ April 2007 (Dok. B) u b’decizjoni datata 23 ta’ April 2007, tali talba giet michuda minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Geoffrey Valenzia ghaliex inghad li *“llum il-mandat ta’ zgumbrament hu esegwit u mhemmx lok li l-intimat jigi inibit. Finalment il-Qorti tirrileva li kif inhu risaput hadd, aktar u aktar Avukat, ma jista’ jostakola lill-Marixxal fid-dmir tieghu (Art. 279 Kap 12) izda se mai ifittex id-drittijiet tieghu wara li ssir l-ezekuzzjoni.*

Illi fl-24 ta’ April 2007 l-istess rikorrenti pprezenta rikors iehor sabiex jigi ddikjarat li l-istess mandat mhux esegwibbli kontra r-rikorrenti, sabiex tigi revokata *contrario imperio* l-esekuzzjoni tal-istess mandat ta’ zgumbrament u sabiex tawtorizza lill-esponenti jirtira c-cwievet tal-fond indikat wara li l-istess in esekuzzjoni tal-Mandat ta’ Zgumbrament imsemmi gew depositati l-Qorti, u din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anna Felice b’decizjoni datata 27 ta’ Gunju 2007 cahdet it-talba peress li tali procedura saret abbazi ta’ l-**artikolu 283 A tal-Kap 12** u la darba ir-rikorrenti ma kienx il-persuna li inhareg il-mandat kontra tieghu huwa ma setghax jutilizza l-istess procedura.

Illi proprju f’imsemmija gurnata tat-3 ta’ April 2007 (meta allura inghata d-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **“Edward Baldacchino vs Marixxal Joseph Azzopardi et”** minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef (Rikors Nru. 363/07/JRM)) l-istess Marixxal Joseph Azzopardi mar biex jesegwixxi l-istess Mandat ta’ Zgumbrament u jirrizulta li saret opposizzjoni ghall-istess esekuzzjoni mir-rikorrenti u mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici (fol. 20) tant li l-imsemmija persuni qalu lill-Marixxal sabiex jirreferu dan lill-Qorti, izda l-Marixxal fuq direzzjoni tal-intimat iddecieda li jkompli l-inkarigu tieghu ghalkemm talab il-protezzjoni tal-Pulizija (fol. 50), u jidher li kien hawn li r-rikorrenti Edward Baldacchino fuq parir tal-avukat tieghu kkonsenja c-cavetta tal-Cafeteria lill-Marixxal, u skond ir-rikorrenti dan sar sabiex huwa ma johrogx mill-post l-oggetti li kellu fih u dan sakemm jigi deciz il-mandat. Il-fatt li l-istess cwievet inghataw mir-rikorrenti lill-Marixxal huwa kkonfermat minn

Myra Baldacchino kif ukoll mill-Avukat Dr. Karmenu Mifsud Bonnici fix-xhieda taghhom f'din il-kawza permezz ta' l-affidavits minnhom pprezentati.

Illi wara li nghata cavetta ta' l-istess fond mir-rikorrenti l-Marixxal biddel is-serratura tal-istess fond u ddepozita ic-cwievet ta' l-istess fir-Registru tal-Qorti flimkien mac-cavetta li Baldacchino kien tah sabiex b'hekk l-istess cafeteria tinzamm maghluqa. Gie allegat li sussegwentement, ic-cwievet li gew depozitati fil-Qorti gew irtirati mis-sidien tal-proprjeta'.

Illi b'hekk Edward Baldacchino ipprezenta l-kawza odjerna fejn qed isostni li l-intimat ikkometta spoll fit-3 ta' April 2007 meta huwa ha minghand ir-rikorrenti c-cwievet tal-cafeteria u billi ghalaq il-cafeteria li kienet tinsab f'numru 138, Triq Santa Lucia, Valletta. Huwa talab li l-intimat jirreintegra lir-rikorrent fil-pussess tal-cafeteria billi jaghtih lura c-cwievet taghha.

Illi dwar l-azzjoni ta' spoll, *ai termini* tal-**Artikolu 534 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa stabbilit li huwa mehtieg li l-attur jipprova tlett elementi (i) *possedisse;* (ii) *spoliatum fuisse;* (iii) *infra bimestre deduxisse.*

Illi dwar l-ewwel element, huwa mehtieg li jintwera li, l-pussess mehtieg huwa dak materjali u *de facto,* ikun x'ikun, u mhux mehtieg il-prova li l-attur ghandu dritt ta' proprjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza jew klandestinament. Anzi hemm ir-rekwizit tal-pussess anki meta dak li hu spoljat ghandu semplici detenzjoni (**"Kaptan Stefano Xuereb vs Nobbli Charles Sant").** Izda tali pussess m'ghandux ikun ekwivoku, anzi ghandu jirrizulta li huwa manifest u dan fih innifsu huwa stat ta' fatt (**"Gio Maria Tonna vs Giuseppi Maria Tonna" –** P.A. 21 ta' Frar 1983) u mhux wiehed ta' mera tolleranza (**"Joseph Vella Gatt noe vs Joseph Camilleri" –** 26 ta' Jannar 1996).

Illi fil-fatt kull pussess, sakemm huwa ppruvat huwa protett tant li f'din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess tal-persuna turbata, u takkorda r-

reintegrazzjoni anki kontra l-possessuri ta' *mala fede* u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm pretensjoni li gie kommess l-ispoll (**"Saverio Farrugia vs Eugenio Borg" –** 31 ta' Marzu 1952).

Illi, dwar it-tieni element, huwa mehtieg li jintwera li l-eghmil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu (**"J. Vella vs S. Micallef" –** 30 ta' April 1991). Huwa wkoll mahsub li l-eghmil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess (**"A. Mizzi nomine vs R. Clark nomine" –** A. C. 9 ta' Jannar 1976);

Illi, gie mfisser ukoll li l-kliem *vis aut clam* li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux ta' bilfors jissarraf f'eghmil ta' tkissir jew qerda ta' oggett mizmum mill-attur jew li fih huwa jgarrab xi hsara fizika, ghaliex huwa bizzejjed li l-eghmil spoljattiv isir kontra r-rieda tieghu u jew minghajr ma jithalla jintebah bih;

Illi kif intqal fis-sentenza **"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** (P.A. 24 ta' Jannar 1958):-

*"Spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta' tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat kontra l-ligi, izda anki meta jigi kompjut arbitrarjament u kontra' l-volonta' tal-possessur, b'mod li jista' jaghti lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att".*

Illi dwar it-tielet element, il-ligi trid li l-azzjoni ghat-tnehhija tal-effett tal-ispoll ghandha tinbeda fi zmien xahrejn. Dan iz-zmien huwa meqjus bhala terminu ta' dekadenza. Bhal kull wiehed iehor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt ghandu jigi pruvat mill-attur. Izda meta l-kwistjoni taz-zmien titqajjem permezz ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra zmienha taqa' fuq il-konvenut, kif jipprovdi l-**artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi biex tirnexxi l-azzjoni ta' l-ispoll huwa mehtieg li dawn it-tlett elementi msemmija ghandhom ikunu kollha pruvati li jezistu. Il-piz tal-prova tal-ezistenza ta' dawn it-tlett elementi jaqa' fuq min ikun fetah il-kawza u allega l-ispoll. Illi ghalhekk din il-Qorti trid tiddetermina jekk ir-rikorrent issodisfax it-tlett elementi msemmija.

*(i)* *Possedisse*

Illi ghar-rigward ta' dan l-element dan huwa sodisfatt *stante* li r-rikorrent kien jidher li kellu d-detenzjoni tal-fond in kwistjoni fis-sens li kellu access ghall-cafeteria li hemm fl-istess fond in kwistjoni u dan l-istat ta' fatt kien jezisti almenu sal-gurnata tat-3 ta' April 2007 meta kif ammetta huwa stess huwa ta c-cwievet ta' l-istess fond lill-Marixxal tal-Qorti, u allura r-rikorrent kellu l-pussess tal-fond numru 138, Triq Sta Lucia, Valletta.

*(ii)* *Infra bimestre deduxisse*

Illi anki dan l-element huwa sodisfatt *stante* li r-rikorrent waqaf milli jkollu pussess ghall-istess fond mit-3 ta' April 2007, data meta huwa ta c-cwievet li kellu tal-fond *de quo* lill-Marixxal, tant li l-istess Marixxal, wara li inghata c-cwievet ta' l-istess, u sabiex jesegwixxi l-ordinijiet li kienu qed jinghataw lilu mill-intimat, biddel is-serratura ta' l-istess, u kkonsenja c-cwievet li gew moghtija lilu mir-rikorrenti u c-cwievet tas-serratura l-gdida l-Qorti u dan sabiex l-istess jigi irtirati lil persuni li kienu intitolati ghalihom skond il-ligi. Allura jigi li l-att li r-rikorrenti qed jallega bhala att spoljattiv sehh fit-3 ta' April 2007 u la darba r-rikors gurament gie pprezentat fid-9 ta' April 2007 ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni saret fit-terminu rikjest mill-ligi.

*(iii)* *Spoliatum Fuisse*

Illi kif diga' inghad l-eghmil spoljattiv irid ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur. Inoltre' dan l-eghmil irid ikun gej minn azzjoni ta' persuna privata u vjolenti jew mistur. Infatti fil-ktieb **"Diritto Privato" (5$^{th}$**

**Ed –1988)** l-awtur **Francesco Galgano** b'referenza ghall-azzjoni ta' spoll ighid hekk:-

*"Spetta al possessore che sia stato violentemente od occultamente spossessato di una cosa mobile o immobile (violentemente: con l'uso della forza o con minacce; clandestinamente : di nascosto dal possessore)."*

Illi fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent isostni li huwa gie spoljat peress li l-intimat beda jezegwixxi kontrih il-mandat ta' zgumbrament numru 314/07 li l-Qorti kienet iddikjarat mhux ezegwibbli kontra tieghu, u peress li l-intimat ha u biddel ic-cwievet tal-cafeteria f'numru 138, Triq Sta Lucia, Valletta.

Illi l-intimat min-naha tieghu eccepixxa li l-Marixxal tal-Qorti inkarigat mill-izgumbrament tal-fond kien qed jagixxi bhala ufficjal tal-Qorti inkarigat sabiex jespleta ordni lilu moghtija mill-Qorti, ossija l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament numru 314/07. Inoltre' tali mandat fl-ebda stadju tal-ezekuzzjoni tieghu, qatt ma gie varjat u/jew imwaqqaf mill-Qorti li kienet akkordatu b'mod li huwa u l-Marixxal kienu fi dmir li jonoraw l-inkarigu moghti lilhom mill-Qorti, u f'kaz li naqsu milli jaghmlu dan, kienu jkunu qed jagixxu b'turija ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. Inoltre' l-intimat eccepixxa wkoll li kien ir-rikorrent stess li ghadda c-cwievet lill-Marixxal li mbaghad ghadda sabiex biddel is-serratura tal-fond. Imbaghad iddeposita c-cwievet li kellu fil-pussess tieghu fil-Qorti, sabiex dawn jigu rtirati minn min kellu dritt jaghmel hekk.

Illi meta jigu ezaminati l-fatti kif graw jirrizulta li l-mandat ta' zgumbrament nru 314/07 fl-ismijiet **"Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St George's Club"** gie pprezentat fit-2 ta' Marzu 2007 u gie akkordat fit-13 ta' Marzu 2007 u dan biex tigi ezegwita s-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-1 ta' Dicembru 2006, liema sentenza kienet inghatat fl-ismijiet **"Wilfred Karl Gollcher et vs Royal Overseas League St George's Club".**

Illi mill-provi prodotti jidher li l-intimat, tramite il-Marixxal kien qed jagixxi bhala ufficjal tal-Qorti sabiex jesegwixxi l-Mandat ta' Zgumbrament fl-ismijiet premessi fuq il-fond indikat fl-istess mandat, il-fond numru 138, Triq Santa Lucia, Valletta. Illi b'hekk jirrizulta li l-istess intimat kien qed jagixxi sabiex jesegwixxi ordni tal-Qorti fuq mandat esekuttiv u jidher li l-istess Marixxal kien qed jagixxi biex jottempera ruhu mad-disposizzjoni ta' l-**artikolu 384 tal-Kap 12.**

Illi jigi nnotat li f'din il-kawza kull ma huwa qed jigi allegat huwa li fl-esekuzzjoni tal-mandat l-intimat ikkometta spoll u dan l-ispoll sehh peress li l-Marixxal waqt li kien beda l-esekuzzjoni tieghu tal-mandat ta' zgumbrament ha c-cavetta tal-fond *de quo* li giet moghtija lilu mill-istess rikorrenti u wara ghalaq l-istess fond billi biddel is-serratura li kien hemm; mhux qed jigi allegat li l-Mandat li nhareg huwa null; qed jinghad li sehh dan l-ispoll peress li l-istess rikorrenti qed jallega li l-Mandat li kien qed jigi esegwiet, kien ser jigi esegwiet kontra r-rikorrenti, u dan meta r-rikorrenti ma kienx parti la fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-1 ta' Dicembru 2006 u lanqas parti fil-mandat ta' zgumbrament konsegwenti ghall-istess.

Illi pero' dan ifisser li l-istess rikorrenti qed jallega li l-esekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament saret hazin peress li l-istess gie esegwiet kontra r-rikorrenti li ma kienx parti fl-istess mandat u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-istess rikorrenti jista' dejjem jagixxi skond id-disposizzjoni generali tal-ligi sabiex jigi ddikjarat li l-esekuzzjoni tal-istess mandat fil-konfront tieghu kienet hazina u wkoll jista' dejjem jagixxi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 282 tal-Kap 12** u bil-mod kif hemm indikat, u dan huwa konsistenti ma' dak li nghad fis-sentenza citata mir-rikorrenti stess fl-ismijiet **"Edward Baldacchino vs Marixxal Joseph Azzopardi et"** datata 3 ta' April 2007, fejn proprju saret riferenza ghall-istess artikolu ghal min huwa l-legittimu kontradittur f'kawza li l-mertu taghha jirreferi ghan-nullita' fil-hrug tal-mandat jew fl-esekuzzjoni tieghu.

Illi huwa veru li s-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell kienet torbot biss lill-partijiet fil-kawza u ghal dak li huwa r-rikorrenti kienet *res inter alios acta* u huwa veru wkoll li l-istess mandat bl-ebda mod ma jirreferixxi ghall-istess rikorrenti u ma jaghmilx stat fil-konfront tieghu u dan konformi ma’ dak li gie deciz fil-kawza **“Gulab Chatlani vs George Grixti”** (A.K. – 2 ta’ Dicembru 1991) fejn inghad li **l-artikolu 282 tal-Kap 12** jista’ jsir kontra kull detentur hemm indikat imbasta pero’ hemm titolu esekuttiv kontra l-istess wkoll, u dan ghaliex a bazi ta’ l-**artikolu 237** sentenza ma tistax tkun ta’ hsara ghall-persuna li ma tkunx parti fil-kawza ghaliex ghaliha tali sentenza hija *“res inter alios acta”.*

Illi izda dan ma jfissirx lanqas li peress li l-intimat kien qed jesegwixxi l-istess mandat ta’ zgumbrament mahrug regolarment mill-Qorti fl-ismijiet premessi kontra r-rikorrenti li ma kienx parti fl-istess mandat, b’daqshekk l-istess intimat rrenda ruhu suggett ghall azzjoni ta’ spoll, u dan ghaliex l-istess intimat kien dejjem qed jagixxi fil-funzjoni pubblika tieghu ta’ ufficjal tal-Qorti skond l-Ewwel Ktieb Titolu IV tal-Kap 12 inkluz f’dan il-kaz li jesegwixxi l-ordni tal-Qorti moghtija sabiex jigi esegwiet il-Mandat ta’ Zgumbrament imsemmi fuq il-fond indikat.

Illi fil-fatt il-ligi tipprovdi li waqt l-esekuzzjoni ta’ mandat l-intimat u kull ufficjal esekuttiv iehor ma jistax jigi konfrontat bl-ebda opposizzjoni ghall-esekuzzjoni ta’ l-istess u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 279 tal-Kap 12,** ghalkemm l-istess ligi tipprovdi li tali opposizzjoni tista’ ssir wara l-istess esekuzzjoni. Mhux hekk biss izda a bazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 12** jekk persuna *inter alia “tfixkel l-ezekuzzjoni ta’ xi mandat …..”* tkun hatja ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti.

Illi dan kollu jfisser li l-azzjoni ta’ spoll fic-cirkostanzi odjerni u kif inhi indirizzata lejn l-esekuzzjoni tal-Mandat ma treggiex, ghaliex l-azzjoni ta’ spoll hija biss immirata sabiex tevita lil terza persuna bhala cittadin privat milli tuza’ forza privata u dan billi tiehu l-ligi b’idejh u jiehu bil-forza jew bil-mohbi il-pussess ta’ haga kontra l-volonta’

tal-ispoljat u dan minghajr ma jsir rikors lejn il-Qorti jew l-Awtoritajiet kompetenti.

Illi fil-fatt fis-sentenza **“Joseph Scerri vs Spiridione Falzon” (**P.A. – 24 ta’ Jannar 1958) inghad li *“spoll vjolenti huwa kwalsiasi att arbitrarju li jsir bil-forza privata kontra l-volonta’ tal-ispoljat”.* Mentri fil-kawza **“Giuseppe Muscat vs Assunta Farrugia”** (A.C. – 24 ta’ Novembru 1957) inghad li *“l-azzjoni ta’ reintegrazzjoni hija fondata fuq l-ezigenzi ta’ utilita’ socjali aktar milli fuq principju tal-gustizzja; hija ntiza ghall-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess sabiex jigi mpedut li c-cittadin privat jiehu l-gustizzja f’idejh, b’mod li ghandha bhala fini r-restawrazzjoni tal-pussess skonvolt jew turbat……si tratta ta’ disposizzjoni ta’ ligi eminentement ta’ ordni pubbliku, li ma tirrikjedix, generalment, il-vjolenza fuq il-pesuna …………..imma l-istess hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jikkompixxi u jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih, ma setax jezercitah u jezercieh minghajr l-intervent tal-Qorti”.*

Illi konformament ma’ dan fis-sentenza **“Margherita Fenech vs Pawla Zammit”** (P.A. – 12 ta’ April 1958) inghad li:-

*“L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa indubbjament ta’ ordni pubbliku u huwa inerenti ghal fatt ta’ min b’awtorita’ privata jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li, ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista’ jezercitah minghajr l-intervent tal-Qorti….”*

Illi fil-kaz odjern ma hemm xejn minn dan ghaliex ma hemm l-ebda dubju li l-intimat kien qed jagixxi fil-kwalita’ tieghu pubblika bhala ufficjal tal-Qorti u kien qed jimxi fuq ordni tal-Qorti li harget l-istess mandat esekuttiv ghall-esekuzzjoni ta’ mandat ta’ zgumbrament fuq il-fond *de quo,* u ghalhekk l-azzjoni ta’ spoll fil-konfront tieghu ma treggiex proprju ghaliex kif qed jinghad l-intimat kien qed jagixxi fil-kapacita’ pubblika u ufficjali tieghu ta’ ufficjal tal-Qorti li kien qed jesegwixxi ordni tal-Qorti. Dan ma jfissirx li jekk l-esekuzzjoni ta’ l-istess mandat ma saritx skond il-ligi, u b’hekk ippregudikat lill-istess rikorrenti, ir-rikorrenti

ma ghandux rimedju; anzi gja gie ndikat f'din is-sentenza u f'ohrajn hawn imsemmija, anke dik indikata mir-rikorrenti nnifsu, li r-rikorrenti ghandu rimedji skond il-ligi, izda din il-Qorti thoss li l-aggravju lamentat mill-istess rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat odjern ma jwasslux ghall-esercitazzjoni ta' azzjoni ta' spoll fil-konfront ta' l-intimat.

Illi din il-Qorti thoss li ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghar-ragunijiet hawn indikati, izda hemm raguni ohra ghaliex it-talbiet attrici ma ghandhomx jigu milqugha u dan peress li rrizulta mill-provi f'din il-kawza li l-intimat effettivament ha pussess tal-fond *de quo* billi c-cwievet ta' l-istess fond inghataw lilu mill-istess rikorrenti, u b'hekk il-pussess tal-istess fond ghadda ghand l-intimat tramite il-Marixxal biss ghaliex l-istess cwievet tal-fond gew mghoddija mir-rikorrenti lill-istess Marixxal, u dan jirrizulta li huwa verbalizzat fir-riferta tal-Marixxal fl-atti tal-istess Mandat, att li jidher li sar mir-rikorrenti ukoll fuq parir tad-difensur tieghu. Li bhala fatt hekk sehh ma jirrizultax li huwa kkontestat, anzi l-istess rikorrenti, martu Myra Baldacchino u d-difensur tieghu jammettu li hekk sar fl-affidavits taghhom rispettivi datati 15 ta' Mejju 2007 (Dok. "D"; "E" u "F") tal-process. Veru li fl-istess affidavit jinghad li dan sar minghajr pregudizzju, izda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-istess rikorrenti qed jammetti li huwa ghadda l-pussess ta' l-istess fond lill-Marixxal u allura l-att allegatament u merament spolljattiv huwa mankanti, u dan ghaliex il-Marixxal kull ma ghamel kien li accetta c-cwievet li gew hekk moghtija lilu; dan apparti li fil-verbal tal-Marixxal imkien ma jinghad li l-istess cwievet gew moghdija lilu bla pregudizzju. Jekk dan jigi mbaghad indirrizat lejn l-azzjoni attrici li qed tghid li l-att li bih il-Marixxal ha ic-cwievet minghand ir-rikorrenti jikkostitwixxi spoll, dan certament li ma jreggiex ghaliex kull ma ghamel il-Marixxal kien li accetta ic-cwievet li gew moghtija lilu mill-istess rikorrenti u dan fih innifsu certament li ma jistax jigi kkunsidrat bhala att spolljattiv.

Illi jinghad ukoll li din il-Qorti thoss li l-att sussegwenti li bih il-Marixxal biddel is-serratura tal-istess fond ukoll ma jikkostitwixxix bhala att spoljattiv, u dan peress li dan sehh wara li huwa ha l-pussess tal-fond ghax accetta c-cwievet

tal-fond inkwistjoni li gew moghtija lilu mir-rikorrenti, u dan apparti li huwa kien qed jagixxi bhala ufficjal tal-Qorti tant li wara ddeposita l-Qorti kemm ic-cwievet moghtija lilu mir-rikorrenti u c-cwievet tas-serratura l-gdida u dan permezz ta' cedola apposita sabiex dawn jigu rtirati mill-persuni li skond il-ligi kellhom dritt jirtirawhom skond il-procedura apposita.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa' t-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimat, biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz,** tichad it-talbiet tar-rikorrent peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------